KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 29.6.2009
KUMM(2009) 310 finali

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Informazzjoni finanzjarja dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Informazzjoni finanzjarja dwar il-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp

KELMTEJN TA' QABEL

Dan id-dokument hu maħsub biex jiġi anness mal-abbozz tal-baġit għall-2010, skont il-ftehimiet li seħħu fl-1979 fil-qafas tal-proċedura baġitarja.

Skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim Intern[1], u l-Artikolu 57(3) u (4) tar-Regolament Finanzjarju[2] l-Kummissjoni f'dan id-dokument tippreżenta l-istimi tal-impenji, tal-pagamenti kif ukoll u tas-sejħiet għal kontribuzzjonijiet għas-snin 2009 u 2010, filwaqt li tqis il-previżjonijiet tal-BEI (Bank Ewropew għall-Investiment) għall-Faċilità ta' Investiment.

Bħal ma sar fis-snin preċedenti, dan id-dokument jippreċiża:

– l-istat tal-eżekuzzjoni tal-EDFs (mit-8 sal-10 wieħed) fil-31.12.2008;

– L-istimi tal-eżekuzzjoni finanzjarja għas-sena attwali;

– l-istimi tal-infiq għas-sena 2010.

Fir-rigward tal-finanzjament tal-EDFs, il-kontribuzzjonijiet jitħallsu direttament mill-Istati Membri lill-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) għall-istrumenti tad-9 u l-10 EDF li l-BEI jassigura l-ġestjoni tagħhom (il-Faċilità ta' Investiment u s-sussidji tar-rati ta' mgħax). Għall-istrumenti kollha l-oħra, inkluż għall-istrumenti l-antiki amministrati mill-BEI (kapital ta' riskju u sussidji ta' mgħax), il-kontribuzzjonijiet jitħallsu lill-Kummissjoni.

Ħlief fejn indikat mod ieħor, l-ammonti kollha tal-impenji u l-pagamenti, imsemmija f'din il-Komunikazzjoni, huma l-ammont "gross" jiġifieri, qabel ma jitnaqqsu l-ammonti ta' impenji mħassra u l-ammonti rkuprati. Din l-istrateġija hija koerenti ma' dik użata għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

---

[1] Il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, dwar il-finanzjament tal-għajnuna tal-Komunità taħt il-qafas finanzjarju pluriannwali għall-perjodu bejn l-2008 u l-2013 skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE u dwar l-allokazzjoni tal-għajnuna finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji barranin li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat tal-KE; ĠU L 247 tad-9.9.2006, p. 32.

[2] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat- 18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp

INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni u l-BEI wettqu, għal kull pajjiż tal-AKP[3] u l-PTBs[4], l-istimi tal-impenji u l-pagamenti għas-snin 2009 u 2010. Ingħatat attenzjoni partikolari lill-istima tal-pagamenti b'għan doppju: min-naħa, biex tingħata għajnuna lill-Istati Membri sabiex dawn jirriservaw ammonti eżatti kemm jista' jkun possibbli mill-baġits nazzjonali tagħhom; min-naħa l-oħra, biex ikun żgurat li volum biżżejjed ta' riżorsi finanzjarji jkun disponibbli għall-EDF sabiex jiġu evitati problemi ta' nuqqas ta' likwidità.

Skont l-Artikolu 7 tal-Ftehim Intern dwar l-10 EDF[5], u l-Artikolu 57(5) tar-RF[6], l-istimi ser ikunu riveduti fil-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2009.

It-tabella li ġejja tagħti ħarsa ġenerali tal-iżvilupp tal-impenji u l-pagamenti, imwettqa fil-passat u mistennija għall-2009 (il-Kummissjoni u l-BEI). Din tindika b'mod ċar it-tendenza strutturali li jkun hemm żieda fil-pagamenti mis-sena 2000.

KE+BEI: Żvilupp 1997-2008 tal-impenji --- u pagamenti -; Stimi 2009



1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008	2009
784	2.606	2.958	4.007	1.927	2.125	4.137	2.972	4.020	4.049	3.922	5.242	3.577
1.382	1.595	1.352	1.640	1.779	1.922	2.349	2.558	2.704	3.062	3.251	3.483	3.750

3 L-Istati tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku

4 Pajjiżi u Territorji Barranin.

5 ĠU L 247 tad-9.9.2006, p. 32.

6 Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat- 18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-10 Fond Ewropew għall-Iżvilupp.

1. L-ISTAT TAL-EŻEKUZZJONI TAL-FONDI EWROPEJ GĦALL-IŻVILUPP FIL-31 TA' DIĊEMBRU 2008 (IMPENJI, PAGAMENTI U SITWAZZJONI FINANZJARJA)

L-anness 1 juri l-eżekuzzjoni f'impennji mwettqa fl-2008 mqabbla mal-istimi ta' Ottubru 2008[7].

L-anness 2 juri l-eżekuzzjoni f'pagamenti mwettqa fl-2008 mqabbla mal-istimi ta' Ottubru 2008[8].

L-anness 3 jippreżenta s-sitwazzjoni finanzjarja osservata fl-2008, u dik stmata għall-2009 u l-2010

2. IL-PREVIŻJONI TAL-EŻEKUZZJONI FINANZJARJA GĦAS-SNIN 2009 U 2010

Ir-riżultat tal-istimi l-ġodda huwa ppreżentat fl-annessi 1 sa 3.

Fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet għas-sena 2009, l-istimi jibqgħu EUR 3,300 miljuni għall-Kummissjoni u EUR 165 miljun għall-BEI. Huwa enfasizzat li dawn l-ammonti huma l-istess bħal dawk adottati mill-Kunsill f'Novembru 2008[9].

Il-kontribuzzjonijiet għall-2010 huma stmati li jkunu EUR 3,500 miljun għall-Kummissjoni u EUR 240 miljun għall-BEI.

Wieħed għandu jenfasizza li ċ-ċiffri huma biss stima preliminari li għandha tkun interpretata b'attenzjoni speċjalment fid-dawl tal-COM (2009)160 tat-8.4.2009 dwar "l-Appoġġ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex ilaħħqu mal-kriżi". Wara s-sajf il-Kummissjoni u l-BEI se jaħdmu stimi ġodda li jkunu aktar affidabbli. Dawn se jiġu ppreżentati fil-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2009.

---

7 COM(2007) 634 finali tas-07.10.2008

8 COM(2007) 634 finali tas-07.10.2008

9 Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Novembru 2008 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-EDF fl-2009 u 2010 inkluż l-ewwel pagament tal-2009.

Anness 1

Impenji mwettqa fl-2008 u stmati għall-2009 u l-2010

M€

	2008		2009		2010	
	Kom Ott 08	**Imwettaq**	**Kom Ott 08**	**Reviżjoni**	**Kom Ott 08**	**Reviżjoni**
Reġjuni						
L-Afrika tal-Lvant	778	959	949	751		
L-Afrika tal-Punent	1486	1.585	790	737		
L-Afrika Ċentrali	482	466	352	569		
Il-Karibew	123	126	355	262		
Il-Paċifiku	39	30	106	73		
L-Afrika t'Isfel	170	929	712	275		
Riżerva riveduta fit-tmiem it-terminu						
Subtotal	3.076	4.095	3.264	2667		
Oħrajn						
Faċilità ta' Paċi	0	300	300	0		
Oħrajn *	502	448	186	380		
Total Kummissjoni	***3.578***	***4.843***	***3.750***	***3.047***	***3.750***	***3.750***
Faċilità ta' Investiment	450	338	450	450		
Sussidji ta' mgħax	70	61	80	80		
Total BEI	***520***	***399***	***530***	***530***	***550***	***550***
TOTAL	**4.098**	**5.241**	**4.280**	**3.577**	**4.300**	**4.300**

(*): Ikopru b'mod partikolari ċerti spejjeż għall-appoġġ, speċjalment għall-istituzzjonijiet konġunti u għas-Segretarjat tal-AKP, kif ukoll il-mobilizzazzjoni tal-envelopp B fil-qafas tal-kriżi tal-prezzijiet tal-ikel u għall-mekkaniżmu ad hoc "Vulnerability FLEX" fil-qafas tal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali.

Anness 2

Pagamenti mwettqa fl-2008 u stmati għall-2009 u l-2010

M€

	2008		2009		2010	
	Kom Ott 08	Imwettaq	Kom Ott 08	REV	Kom Ott 08	REV
Reġjuni						
L-Afrika tal-Lvant	627	699	844	743		
L-Afrika tal-Punent	804	829	916	778		
L-Afrika Ċentrali	324	359	457	407		
Il-Karibew	217	239	264	296		
Il-Paċifiku	68	64	85	65		
L-Afrika t'Isfel	366	376	380	400		
Subtotal	2.406	2.567	2.946	2.689		
Oħrajn						
Faċilità ta' Paċi	41	24	23	88		
Faċilità ta' Ilma	100	105	70	108		
Kapital ta' riskju *	51	23	51	37		
Ħelsien mid-dejn tal-HIPC	180	80	0	100		
Trust funds tal-infrastruttura	40	0	1	1		
Oħrajn	288	391	282	281		
Subtotal	***3.106***	***3.190***	***3.373***	***3.304***		
Stabex	34	25	2	17		
Total Kummissjoni*	***3.140***	***3.215***	***3.375***	***3.321***	***3.600***	***3.600***
Faċilità ta' Investiment	250	220	349	349	340	340
Sussidji ta' mgħax	43	48	80	80	100	100
Total BEI	***293***	***268***	***429***	***429***	***440***	***440***
TOTAL KE+BEI	**3.433**	**3.483**	**3.804**	**3.750**	**4.040**	**4.040**

Pagamenti gross, jiġifieri, mingħajr tnaqqis ta' rkupri

* inkluż is-sussidji b'rata ta' mgħax marbuta mal-EDFs preċedenti

** L-ammont tal-pagamenti previsti fl-2009 ta' 3.321 M€ hu ġġustifikat mill-fatt li fl-2008 aħna ħallasna ammont iktar għoli b'paragun mal-istimi u dan minħabba l-migrazzjoni lejn is-sistema l-ġdida ta' kontabbilità.

Anness 3: Sitwazzjoni finanzjarja osservata fl-2008 u stmata għall-2009 u l-2010 (f'M€)

		Komunikazzjoni u Deċiżjoni Ott * 2008			Reviżjoni		
		KE	BEI	TOTAL	KE	BEI	TOTAL
	Bilanċ fil-31/12/2007 **	**57**	**77**	**134**	**57**	**77**	**134**
2008	Kontribuzzjonijiet tal-2008, li minnhom	3000	200	3200	3000	200	3200
	L-1 pagament	*1635*	*170*	*1805*	*1635*	*170*	*1805*
	It-2 pagament	*1000*	*70*	*1070*	*1000*	*70*	*1070*
	It-3 pagament	*325*	*0*	*325*	*325*	*0*	*325*
	trasferiment	*40*	*-40*	*0*	*40*	*-40*	*0*
	Kontribuzzjonijiet tal-2009 tal-pagamenti minn qabel				233		233
	Reflows***		140	140		129	129
	Irkupri, imgħax u oħrajn	75		75	84		84
	Pagamenti totali	-3140	-293	-3433	-3215	-268	-3483
	Pagamenti Stabex (iffinanzjati diġà)	34		34	25		25
	Irċevuti tal-Fond Speċjali tar-Rep Dem tal-Kongo				2		2
2009	**Bilanċ fil-31/12/2008**	**26**	**124**	**150**	**186**	**138**	**324**
	Kontribuzzjonijiet tal-2009, li minnhom	3300	165	3465	3300	165	3465
	L-1 pagament	*1750*	*55*	*1805*	*1750*	*55*	*1805*
	It-2 pagament	*1100*	*90*	*1190*	*1100*	*90*	*1190*
	It-3 pagament	*450*	*20*	*470*	*450*	*20*	*470*
	Kontribuzzjonijiet tal-2009 tal-pagamenti fl-2008				-233		-233
	Reflows		170	170		134	134
	Irkupri, imgħax u oħrajn	75		75	65		65
	Pagamenti totali	-3375	-429	-3804	-3321	-429	-3750
	Pagamenti Stabex (iffinanzjati diġà)	25		25	17		17
2010	**Bilanċ fil-31/12/2009**	**51**	**30**	**81**	**14**	**8**	**22**
	Kontribuzzjonijiet tal-2009	3500	240	3740	3500	240	3740
	Reflows		200	200		188	188
	Irkupri, imgħax u oħrajn	75		75	65		65
	Pagamenti totali	-3600	-440	-4040	-3600	-440	-4040
	Pagamenti Stabex (iffinanzjati diġà)	32		32	30		30
	Bilanċ fil-31/12/2010	**58**	**30**	**88**	**9**	**-4**	**5**

* Ara d-dokument COM(2008) 634 finali tas-7.10.2008 u d-dokument tal-Kunsill 14995/1/08 tat-03.11.2008 biċ-ċifri riveduti għall-BEI

** Mingħajr pagament minn qabel tal-kontribuzzjonijiet. Ammonti disponibbli mil-lat operattiv. Pagamenti gross, jiġifieri, mingħajr tnaqqis ta' rkupri.

*** Rikavat u dħul irċevuti mill-BEI mill-operazzjonijiet taħt il-Faċilità ta' Investiment taħt id-9 u l-10 EDF

ANNESS 4 – Kontribuzzjonijiet minn Stat Membru lejn l-EDF għas-sena 2009 (*f'Euro*)

Stat Membru	Skala	l-1 pagament		it-2 pagament		it-3 pagament		TOTAL
		mħallas lill-BEI	mħallas lill-Kummissjoni	li jrid jitħallas lill-BEI	li jrid jitħallas lill-Kummissjoni	li jrid jitħallas lill-BEI	li trid titħallas lill-Kummissjoni	tal-pagamenti
	%							
IL-ĠERMANJA	23,36	12.848.000	408.800.000	21.024.000	256.960.000	4.672.000	105.120.000	**809.424.000**
IL-BELĠJU	3,92	2.156.000	68.600.000	3.528.000	43.120.000	784.000	17.640.000	**135.828.000**
ID-DANIMARKA	2,14	1.177.000	37.450.000	1.926.000	23.540.000	428.000	9.630.000	**74.151.000**
SPANJA	5,84	3.212.000	102.200.000	5.256.000	64.240.000	1.168.000	26.280.000	**202.356.000**
FRANZA	24,30	13.365.000	425.250.000	21.870.000	267.300.000	4.860.000	109.350.000	**841.995.000**
IL-GREĊJA	1,25	687.500	21.875.000	1.125.000	13.750.000	250.000	5.625.000	**43.312.500**
L-IRLANDA	0,62	341.000	10.850.000	558.000	6.820.000	124.000	2.790.000	**21.483.000**
L-ITALJA	12,54	6.897.000	219.450.000	11.286.000	137.940.000	2.508.000	56.430.000	**434.511.000**
IL-LUSSEMBURGU	0,29	159.500	5.075.000	261.000	3.190.000	58.000	1.305.000	**10.048.500**
L-OLANDA	5,22	2.871.000	91.350.000	4.698.000	57.420.000	1.044.000	23.490.000	**180.873.000**
IL-PORTUGALL	0,97	533.500	16.975.000	873.000	10.670.000	194.000	4.365.000	**33.610.500**
IR-RENJU UNIT	12,69	6.979.500	222.075.000	11.421.000	139.590.000	2.538.000	57.105.000	**439.708.500**
L-AWSTRIJA	2,65	1.457.500	46.375.000	2.385.000	29.150.000	530.000	11.925.000	**91.822.500**
IL-FINLANDJA	1,48	814.000	25.900.000	1.332.000	16.280.000	296.000	6.660.000	**51.282.000**
L-IŻVEZJA	2,73	1.501.500	47.775.000	2.457.000	30.030.000	546.000	12.285.000	**94.594.500**
TOTAL	100,00	55.000.000	1.750.000.000	**90.000.000**	**1.100.000.000**	20.000.000	450.000.000	**3.465.000.000**